# NIFTAKAR

Anton Buttigieg

(pġ. 216)

Claire Zerafa – Ann Marie Schembri
St Joseph, Tas-Sliema

# X'TIP TA' POEŻIJA HI?

- Awtobijografika – tieġ tiegħu ma' martu u l-funeral ta' martu.
- Lirika – fiha sentiment qawwi.
- Eleġija – tittratta l-mewt ta' martu.
- Imfassla fuq l-opra "*Madama Butterfly*"<br>L-1el att – tieġ; It-2ni att – traġedja.

# STIL - IL-FORMA TAL-POEŻIJA

- Maqsuma f'żewġ strofa – kull strofa tittratta l-okkażjoni partikolari.
- Kull strofa hi magħmula minn versi konċiżi (qosra).
- Il-kelma hi importanti ħafna għax toffri immaġni – b'deskrizzjoni konċiża; lingwaġġ sensorju.
- Ritmu mexxej.
- Versi ħielsa.
- Tinħass mużikalità fil-kliem bl-użu frekwenti tar-rima mqabbża u tar-rima mbewsa.

Niftakar
tal-qniepen il-mota ferrieħa,
u l-Ave Marija ta' Schubert,
taż-żahar il-fwieħa,
u l-għafsa ta' idek ma' driegħi,
u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani,
u l-mantar bajdani
jitkaxkar mal-qiegħa
tal-korsija;

id-dija u d-dawl tal-parilja,
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna,
mħabbitna;

u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss;
imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan,
u l-foxtrot, u t-tango, u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb;

u mb’għad qajla qajla
ftit ftit qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u int
u int u jien;

u jien kollni tiegħek,
u int kollok tiegħi,
bħal Eva u Adam:
qalb waħda, nifs wieħed,
int rieqda, jien rieqed,
u ħolma ta' hena,
ta' ferħ, ta' tgawdija,
ta' dawl u ta' dija,
ta' ġid u ta' sliem
bla tmiem!

*     *     *

Niftakar
tal-qniepen il-mota newwieħa,
u riħa
tal-ward tal-kuruni;

u erba' gandlieri
u żewġ fillieri
ta' tfal iltiema
jgħidu l-Missierna u s-Sliema,
u r-rekwijem eterni,
u stola sewdiena,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
żgħożitek
sbuħitek
hekk ħesrem mitmuma f'tebut;

il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut;
il-ħoss tal-kazzola mal-art,
u l-qabar jitgħatta bil-ward;

imb’għad lura d-dar,
u talb u rużarju
sa xħin il-ħin sar;

il-qraba u l-ħbieb
qajl qajl qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien,
jien nibki l-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta’ tnejn
mifruxa ta’ xejn!